# Il-Ħadd 26.12.2021

1. Illum 26/12, **Festa tas-Sagra Familja**:
   - Fid-9:00am - Quddiesa li fiha qed nistiednu lill-familji bi tfal u adoloxxenti.
   - Fl-10:30am - Quddiesa tkun bis-sagrament tal-Magħmudija.

2. Il-Ħamis 30/12:
   - Mis-7:30pm sat-8:30pm - Kunċert ta' żmien il-Milied fil-Knisja Parrokkjali organizzat mill-Kunsill Reġjonali tan-Nofsinhar, bil-kollaborazzjoni tal-Kunsill Lokali Ħal Safi. Jieħdu sehem il-Kor 'Sine Macula', in-'Novum Ensemble', is-Safi Drama Group, is-Soċjetà tal-MUSEUM u l-Abbatini.
     - ***Ser jixxandar permezz tal-live streaming fuq il-facebookpage tal-parroċċa.***

3. Il-Ġimgħa 31/12 :
   - Filgħodu - Tqarbin tal-Morda fi djarhom.
   - Mill-5:00pm - Qrar.
   - Fis-6:30pm - Niċċelebraw l-aħħar tas-sena billi jkollna quddiesa li fiha jitkanta l-innu ta' radd il-ħajr lil Alla, it-*Te Deum*, u nispiċċaw bil-barka Sagramentali. Il-Ġabra li nagħmlu f'din il-qudddiesa flimkien ma' donazzjonijiet oħra jmorru għad-Dar tal-Providenza. Nafdaw fil-ġenerożità tagħkom.

4. Is-Sibt 1/01/22, **Solennità ta' Marija Omm Alla u Jum il-Paċi**:
   - Il-ħin tal-quddies ikun fis-6:45am, fid-9:00am, fl-10:30am u fil-5:30pm.

5. Il-Ħadd 2/01/22, **Solennità tal-Epifanija tal-Mulej**.
   - Fid-9:00am - Quddiesa speċjali li fiha qed nistiednu lill-familji bi tfal u adoloxxenti.

6. Avviżi oħra:
   - Matul dawn il-jiem qed jitqassam id-Djarju-Direttorju Parrokkjali għas-sena 2022 flimkien mal-envelopes biex tagħtu l-Istrina tagħkom b'risq il-parroċċa li bħas-soltu tmur għall-manutenzjoni tal-knisja u d-diversi proġetti ta' konservazzjoni u restawr li qed nippjanaw li jirrikjedu ammont sostanzjali ta' finanzi. Għaldaqstant dawn id-donazzjonijiet għandhom jinġabru lura minn dawk li kienu jqassmu l-*'Flimkien'* jew inkella jinġiebu hawn u jinxteħtu fil-qfief tal-offerti. Nitlob il-koperazzjoni ta' kulħadd, u nirringrazzjakom bil-quddiem tal-ġenerożità li kontinwament turu, anke f'dawn iż-żminijiet.

7. Matul din il-ġimgħa daħlu:
   - € 135 bħala ġabra tal-Ħadd li għadda;
   - € 340 mill-Lotterija;
   - € 200 bħala donazzjoni b'risq il-proġetti ta' manutenzjoni u restawr.
   - Infakkar biex qabel toħorġu tħallu d-donazzjoni tagħkom ġol-qfief fejn is-**Sanitizing Points**. Nitlobkom tkunu ġenerużi u grazzi bil-quddiem.

8. Nitolbu għal Pawlu Mifsud li għadda għal ħajja ta' dejjem din il-ġimgħa.
   Agħtih o Mulej il-mistrieħ ta' dejjem ...